MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2014

Avviz Numru. 219/2013

**F. (Advertising) Limited**

**Vs**

**Annette Zammit u Jonathan Zammit**

Il-Qorti,

Il-Qorti rat ir-rikors tas-socjeta` attrici fejn talbet lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ €6735 rapprezentanti ammont dovut minnhom in konnessjoni ma’ servizzi debitament rezi fuq inkariku taghhom ai termini ta’ zewg skritturi privati ffirmati minnhom u datati 25 ta’ Jannar, 2011 u ohra datata 28 ta’ Jannar, 2011. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ ittra ufficjali prezentata ai termini tal-artikolu 166A Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li ggib in-numru 1163/13 u ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju gia pprezentat kontestwalment mal-imsemmija ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-

istess ittra ufficjali sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenuti minn issa ngunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

Rat li fis-seduta tas-6 ta' Jannar, 2014, il-konvenuti msejhin tlett darbiet naqsu li jidhru, ghalkemm debitament notifikati, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta` attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt elef seba' mija u hamsa u tletin ewro (€6735), bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali prezentata ai termini tal-artikolu 166A Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li ggib in-numru 1163/13 u ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju gia pprezentat kontestwalment mal-imsemmija ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-istess ittra ufficjali sal-hlas effettiv ghas-saldu, kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------